PAPAT TAS-SEKLU 11

DAMASU II (1048)

Meta ambaxxata minn Ruma rrapurtat il-mewt ta' Klement II lil imperatur Neriku III u talbitu biex jinnomina papa gdid, l-imperatur ma wegibx malajr. Billi kien bniedem ta' kuxjenza huwa talab il-parir ta' Wazo, isqof ta' Liege li wara deliberazzjoni matura informa lil imperatur li Girgor IV kellu jintbaghat lura Ruma. Imma billi Neriku II dam ma sema' bir-riflessjoni ta' Wazo u kien bla sabar ghar-risposta, huwa ghamel l-ghazla tieghu. Ir-Rumani wrew ix-xewqa li Halinard, isqof ta' Lyons ikun hu l-papa, izda Halinard ma riedx jisma' li jkun papa. Neriku ghalhekk ghazel lil Poppo, l-isqof ta' Brixen.

Kienet haga hafifa li l-Imperatur li kien fis-Sassonja li jinnomina lil Poppo bhala l-papa successur, imma xi haga differenti li jqieghdu fuq it-tron ta' Pietru. It-tron kien ghal darb'ohra okkupat mill-ex-papa Benedittu IX. Wara l-mewt ta' Klement, Benedittu mexxa l-flus, kiseb bizzejjed nies ghal warajh biex jerga' lura gewwa Ruma, u mghejjun minn Bonifacju, il-markiz tat-Toskanja kiseb mill-gdid il-papat.

Neriku kellu joqghod ghal xi zmien iehor gewwa l-Germanja, imma ordna lil markiz Bonifacju biex jeskorta lil Poppo ghar-Ruma u jara li jkun inkurunat Papa gewwa San Pietru. Bonifacju ma ssograx ma jobdix fid-deher. Sempliciment informa lil Poppo li Benedittu kellu kontroll assolut gewwa Ruma u li huwa li issa xjieh ma kellux hila bizzejjed li jkecci lil Bonifacju minn Ruma biex Poppo isaltan bhala Papa, skond ix-xewqa ta' Neriku.

Poppo mar lura ghand Neriku b'dan il-messag ta' qtiegh il-qalb. Naturalment Neriku ntela' qilla. Huwa baghat lura lil Popp ghand Bonifacju b'ordni preciza biex ikecci lil Benedittu u jara li Poppo jkun Papa fuq il-knisja kattolika. Fin-nuqqas ta' dan Bonifacju kellu jwiegeb quddiem l-imperatur.

Bonifacju beza' mit-theddida ta' l-imperatur u wettaq dak li xtaq Neriku. Kecca lil Benedittu minn Ruma u finalment fis-17 ta' Lulju tas-sena 1048 Poppo kien inkurunat Papa bhala Damasus II.

Damasus ma tant kellu zmien juri x'seta' jaghmel bhala Papa. Marad minhabba s-shana f'Ruma u ghalkemm irtira gewwa Palestrina huwa miet fi zmien qasir. Halla din id-dinja fid-9 ta' Awissu u gie midfun gewwa l-Knisja ta' San Lawrenz barra l-Hitan.